# Proposta ta' estensjoni tal-leave tal-maternita' minn 14 għall 18-il ġimgħa

*Gordon PACE*
*31 t' Ottubru, 2008 18:31 CET*

Fil-MEUSAC ġew diskussi zewg proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol u trattament ugwali irrispettivament mit-twemmin reliġjuż, diżabilita', eta jew orjentazzjoni sesswali. Il-proposti jinkludu l-estensjoni tal-leave tal-maternita' minn 14-il ġimgħa għal 18-il ġimgħa - li l-membri tal MEUSAC qablu li din ghandha tidhol bil-mod.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, Chris Said spjega li s-sitwazzjoni preżenti tobbliga lill-omm li gimgħatejn minn dawk l-14-il ġimgħa jittieħdu qabel it-twelid. Il-proposta fid-direttiva hi li sitt gimgħat jittieħdu bil-fors wara l-ħlas filwaqt li t-tnax–il ġimgħa l-oħra jintużaw meta tkun trid l-omm. Ġew diskussi wkoll każijiet fejn i-tarbija titwieled qabel jew wara ż-żmien tat-tqala, każijiet ta' trabi b'diżabilita' u anke drittijiet tax-xogħol waqt it-tqala.

Is-Segretarju Parlamentari spjega li l-Gvern bħalissa qiegħed jikkonsulta ma dawk kollha nvoluti qabel ma jieħu l-pożizzjoni finali fuq id-diversi proposti diskussi u li jolqtu l-parti l-kbira tal-poplu Malti. Il-Kap tal-MEUSAC, Dr. Vanni Xuereb, qal li hu sodisfatt bil-laqgħa tal-lum speċjalment għax huwa evidenti li kullħadd qed jiġbed ħabel wieħed f'dawn is-suġġetti soċjali.